A.L. 45 ta' l-1989

ATT TA' L-1971 DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KWALITÀ (ESPORTAZZJONIJIET, IMPORTAZZJONIJIET U OĠĠETTI LOKALI) (ATT NRU. XIII TA' L-1971)

Ordni ta' l-1989 dwar it-Tikkettjar ta' Ħwejjeġ (Ordni Nru. M24 ta' l-1989)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1971 dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali), il-Bord ta' *Standards* ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1 Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1989 dwar it-Tikkettjar ta' Ħwejjeġ u jista` jissejjaħ Ordni Nru. M24 ta' l-1989.

1.2 Dan l-ordni għandu jibda jseħħ f'data li tiġi wara 20 jum mill-jum li fih jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati,liema data tiġi avżata mill-Bord fil-Gazzetta.

Għan.

2.1 Dan l-ordni japplika għal ħwejjeġ, kemm jekk ikunu maħdumin bil-malja, minsuġin jew meħjutin, iżda jeskludi ngwanti ndustrijali kemm tal-ġilda jew ta' materjal ieħor.

Applikabbiltà.

3.1 Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni japplikaw biss għal oġġetti importati u oġġetti manifatturati għas-suq lokali.

Tifsir.

4.1 F'dan l-ordni:

4.1.1 "Ħwejjeġ" tfisser ilbies ta' fuq ta' l-irġiel u tas-subien; ilbies tat-trabi: ilbies ta' taħt, ilbies ta' bil-lejl u qomos ta' l-irġiel u tas-subien; ilbies ta' fuq, ilbies ta' taħt, ilbies ta' bil-lejl, *foundation garments*, *blouses* u qomos tan-nisa u tal-bniet; xedd tar-ras; ingwanti; *pantyhose;* kalzetterija; malji ta' l-għawm; ingravati; xalpi.

Ħtiġiet ta' Tikkettjar.

5.1 Ebda biċċa ħwejjeġ ma għandha tiġi importata, mibjugħa jew offruta għall-bejgħ kemm-il darba ma jkollhiex tikketta li tagħti l-informazzjoni li ġejja:

5.1.1 Il-kompożizzjoni perċentwali tal-fibri li jiffurmaw il-materjal.

5.1.2 Struzzjonijiet dwar kura jew bil-kitba jew skond kif stipulat fil-*British Standard* 2747, jew f'simboli aċċettati oħra Ewropej.

5.1.3 Id-daqs ta' lbies tal-ħwejjeġ f'daqsijiet aċċettati Ewropej jew Ingliżi.

5.1.3.1 Il-kelmiet *SMALL, MEDIUM, LARGE* u *EXTRA LARGE,* jew deskrizzjonijiet oħra mhux imfissra ma għandhomx jintużaw jekk dawn ma jkunux jikkwalifikaw skond id-daqsijiet aċċettati Ewropej jew Ingliżi.

5.1.4 L-isem tal-marka jew *trade mark;* jew l-isem u l-indirizz tal-manifattur.

5.1.4.1 Meta l-isem tal-marka ma jkunx imniżżel fil-lista miżmuma mid-Direttur ta' l-Industrija u lanqas it-*trade mark* ma tkun reġistrata mal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali, ikun obbligatorju li jitniżżlu fuq it-tikketta l-isem u l-indirizz tal-manifattur.

Twaħħil tat-tikketta.

6.1 It-tikketta għandha tkun meħjuta mal-ħwejjeġ. Meta x-xorta tal-ħwejjeġ ma tippermettix li t-tikketta titwaħħal b'dak il-mod, it-tikketta għandha titwaħħal permezz ta' adeżiv, bħal fil-każ ta' peduni, jew tiġi inkorporata fuq il-pakkett meta dawn l-oġġetti konvenzjonalment jinbiegħu f'pakketti.

Oġġetti importati.

7.1 Fil-każ ta' ħwejjeġ importati, għandu jintwera l-pajjiż ta' oriġini b'żieda mal-ħtiġiet ta' dan l-ordni.

7.2 L-importazzjoni ta' oġġetti li jaqgħu taħt dan l-ordni ma tkunx permessa kemm-il darba l-importatur ma jurix prova li l-isem tal-marka jew it-*trade mark* jew l-isem u l-indirizz tal-manifattur ikunu rreġistrati mad-Direttur ta' l-Industrija.

7.3 Fil-każ ta' ħwejjeġ importati, l-importatur jassumi r-responsabbiltà li jikkonforma ruħu ma' dan l-ordni.

Manifattura C.M.T.

8.1 Meta l-oġġetti jiġu manifatturati fuq bażi ta' *cut, make and trim (C.M.T.),* il-persuna li tordna dawk l-oġġetti tassumi r-responsabbiltà li tikkonforma ruħha ma' dan l-ordni.